MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2003

Rikors Numru. 264/1997/1

Godwin Bugeja
vs
Water Services Corporation, Employment and Training Corporation

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1993 huwa sofra ingustizzja f'li ma giex moghti impjieg mad-Dipartiment imsemmi.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej. Fl-1989 wara li spicca l-iskola tas-snajja Umberto Colosso kien dahal bhala student haddiem mad-Dipartiment tal-Ilma li dak iz-zmien kien tal-Gvern. Wara tlett snin course kien resaq ghall-ezami u fil-fatt kien ghadda mill-prattika b'marki gholjin fil-fatt gie t-tielet minn 130 student u mit-teorija ma

kienx ghadda. Wara dan ghamel madwar sena u nofs jahdem ma' l-istess Dipartiment jaghmel ix-xoghol ta' fitter normali bil-paga ta' student haddiem. Matul dan il-perjodu ta' sena u nofs kien rega' resaq ghall-ezami tat-teorija. Press li ghamel dan il-perjodu kollu bil-paga ta' student kien mar Hal-Far l-ETC jiccekkja r-rizultat. Meta kien mar hemm gie nfurmat li ma kienx ghadda u qallu biex jerga' jmur lura ghax-xoghol u jekk izommuh tajjeb u jekk ma jaccetawh ara fejn ser jmur. Meta mar ghand is-Sur Maurice Mizzi mal-foreman tieghu Mario Mifsud dan qallu wara li dahal ghand Albert Sant Chairman li l-impjieg tieghu gie terminat min dak il-hin stess. Ried jghid li kien hemm studenti li ma ghaddewx mill-istess ezami li ghamel hu u xorta gew impjegati mad-Dipartiment bhala haddiema bla sengha din l-istqarrija kien ghamilha d-deputat Freddie Micallef fit-3 ta' Gunju 1994. Ghaldaqstant ikkonkluda li din kienet ingustizzja politika ghax kemm hu kif ukoll missieru attivisti, membri f'partit li dak iz-zmien kien l-oppozizzjoni.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata impjieg mad-Dipartiment ta' l-Ilma u jekk dan il-kaz jigi konfermat jiehu dak li tilef matul iz-zmien jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma li eccepiet:

Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-impjieg tieghu gie terminat skond il-ligi.

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat flimkien mad-dokumenti esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li kien apprentist mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma. Kien ghamel kors ta' tliet snin ghal fitter. Fi tmiem il-kors, l-apprentisti kollha qaghdu ghal ezami. Hu qal li kien mar tajjeb hafna fil-prattika u wehel fit-teorija. Minkejja dan hu xorta baqa' jahdem mal-Korporazzjoni, u kien jaghmel xoghol daqs haddiehor izda kien jithallas ta' apprentist. Wara sena u nofs rega' ghamel l-ezami tat-teorija u rega' m'ghaddiex. Qal li ma giex infurmat li ma kienx ghadda u li meta skopra mar jithaddet l-ETC u li minn hemm baghtuh il-Korporazzjoni, fejn wara l-impieg tieghu gie terminat. Kien skopra li m' ghaddiex ghax kien ra l-ahbarijiet fuq it-television u l-ohrajn tqassmulhom ic-certifikati izda ghalih ma kienux baghtu. Qal li hassu ngurjat peress li hu kien ta s-servizz u x-xoghol tieghu lill-Korporazzjoni avolja ma kienx ghadda u ghalhekk hass li kellu jsir tal-post.

Mario Mifsud Officer Grade 8 mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma u Foreman inkarigat mid-Distrett tar-Rabat Malta u ilu jokkupa din il-kariga ghal 20 sena pprezenta affidavit fejn qal li r-rikorrent kien jahdem direttament tahtu mill-1991 sal-1993. Qal li ghall-bidu kien imur xoghol tlett darbiet kuljum bhala apprentist. Izda izjed tard beda jmur il-gimgha kollha u kien jaghmel ix-xoghol kollu mehtieg fir-rutina ta' kuljum. Qal li xoghol ir-

rikorrent dejjem kien sodisfacenti u qatt ma kellu lmenti kontra tieghu.

Xehed Albert Sant Manager Customer Services mal-Water Services Corporation li fl-1993 kien Head of Administration mal-Water Services Corporation, li qal li r-rikorrent kien iffirma ftehim ta' apprentistat mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma. Hu esebixxa kopja ta' dan il-ftehim li kien jghid li l-persuna tidhol bhala apprentist mhux bhala impjegat. Qal li l-uzanza kienet li jekk xi hadd ma jghaddix jithalla jkompli l-apprentistat tieghu. Qal li jidher mill-ETC form li r-rikorrent gie tterminat mill-impjieg. Qal ukoll li kull apprentist kellu joqghod ghal test organizzat mill-ETC. L-ETC kienet tinnotifika lill-Korporazzjoni dwar min ghadda u min m'ghaddiex. Hu esebixxa kopja li kienet intbaghtet lir-rikorrent biex tinfurmah dwar testijiet li kien ghamel. Zied jghid li ghalkemm ir-rikorrent kien ghadda mill-prattiku ma kienx ghadda mit-teorija u kien inzamm mal-Korporazzjoni peress li kienu qed jistennew li jerga' jigi tested ghal Journeyman Certificate peress li hu ma kienx ghadda l-ewwel darba. L-ETC kienet tinforma lill-Water Services Corporation min ghadda u min le. Il-Water Services Corporation kienet tavza lill-applikanti. Hu esebixxa kopja (fol 50) fejn intqallu li kien wehel kemm fl-1992 kif ukoll fl-1993 u bil-kliem "Since you did not obtain the Journeyman' s Certificate, the Corporation has no alternative but to terminate your apprenticeship forthwith."

L-apprentistat kien mal-Gvern u mhux ma' dipartimenti. Ma kienx hemm l-obbligu li apprentist li ghadda jigi mizmum mill-korporazzjoni. Qal ukoll li kien hu li kiteb ittra biex lir-rikorrent izommuh xorta bhala impjegat izda at a lower grade avolja ma kienx ghadda mill-Journeyman Certificate minhabba ragunijiet umanitarji u minhabba mgieba tajba. Izda zied jghid li kien hemm risposta mill-ETC ghal din l-ittra li dan ma setax isir ghax inkella jkun impjieg illegali (ittra 18 ta' Novembru 1993 fol 58 tal-process). Din tghid hekk: "Whilst we appreciate your humanitarian gesture in wanting to offer employment to Mr. Bugeja, we regret we cannot approve it. This would

constitute illegal employment. More so when Mr. Bugeja is registered as unemployed."

Xehed Maurice Mizzi li kkonferma li kull min ghadda nghata l-appointment u dahal jahdem il-Water Services Corporation full time. Qal li r-rikorrent kien qaghad ghar-re-sit peress li ma kienx ghadda mill-ewwel wiehed. Qal li hemm imnizzel li fir-re-sit ir-rikorrent gab 27 marka u failed written. Il-kors huwa organizzat mill-ETC u jekk apprentist ma jghaddix il-procedura hi li jinghata cans iehor u jekk ma jghaddix it-tieni darba kollox jigi terminat. Hu kkonferma li Albert Sant kien kiteb ittra biex ir-rikorrent ghalkemm m'ghaddiex jigi impjegat bhala skilled labourer, imma l-ETC irrispondew billi qalu dan ikun jitqies bhala impjieg illegali. Ikkonferma wkoll li matul l-apprentistat ir-rikorrent kellu mgieba tajba. Ghar-referenza li saritlu ghal Godwin Cassar u Joseph Stellini li kienu wehlu mir-re-sit qal li dawn gew itterminati. Zied jghid li eventwalment fl-1995 il-Korporazzjoni kellha bzonn ta' trenching operators, talbet lill-ETC u dawn iz-zewg persuni kienu fil-lista ta' nies li nghatat mill-ETC u li sarulhom l-intervisti, u li wara gew impjegati bhala trenching operators. Spjega li dan l-ingagg kien abbazi ta' intervista u practical test bil-jack hammer.

Xehed Freddie Micallef li qal li jiftakar il-kaz tar-rikorrent u kien ghamel diversi domandi parlamentari dwar dan. Qal ukoll li kien hemm ohrajn li ma kienux ghaddew mit-teorija u meta vverifika kien sab li kienu gew impjegati mal-Kumpanija. Qal li hass li kienet saret ingustizzja mar-rikorrent. Qal li dak iz-zmien kien anke semma c-Chief Executive fl-ETC Robert Caruana. Peress li kien hass li kienet ingustizzja politika kien kellem lill-Ministru ta' dak iz-zmien Michael Falzon. Zied ighid li jaf li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma riedet izzommu lir-rikorrent ghax kienu ferhanin bil-prestazzjoni tieghu u kkonferma li l-Korporazzjoni riedet izzommu lir-rikorrent anke jekk mhux f'dak il-grad ta' fitter.

Xehed Edwin Mallia rapprezentant ta' l-ETC li xehed mir-records u qal li rrizulta li r-rikorrent wehel mit-teorija. Wara li r-rikorrent ghamel re-sit rega' wehel mit-teorija.

Qal ukoll li l-ETC kien avza l-Korporazzjoni b'dan. Zied ighid li l-ETC taghmel biss l-ezami. Wara li ghamel il-verifiki qal li ma sab xejn fir-records dwar ittra mill-Korporazzjoni lill-ETC dwar l-impjieg tar-rikorrent. Izda meta muri dokumenti esebiti fil-process a fol 57 u 58 ikkonferma li dawn huma dokumenti tal-ETC.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent kien ghamel kors ta' apprentistat mal-Gvern liema kors kien organizzat mill-Gvern u specifikament mill-Employment and Training Corporation. L-apprentistat kien jaghmlu mal-Water Services Corporation. Barra milli kien jaghmel ix-xoghol kellu jaghmel ezami u kien necessarju li jghaddi minnu biex jinghata l-impjieg. Ma kienx possibbli li jehel ghal darbtejn u xorta wahda jibqa' jzomm l-impieg. L-ezami gie organizzat mill-ETC u r-rikorrent wehel darbtejn. Il-Water Services Corporation talbet lill-ETC biex izzomm lir-rikorrent ghalkemm wehel anke fi grad aktar baxx izda r-risposta tal-ETC kienet negattiva.

Certament li l-Water Services Corporation ma ghandha l-ebda responsabbilta` ghall-allegazzjonijiet ta' ingustizzja maghmula mir-rikorrent fil-konfront taghha. L-ewwel nett ir-rikorrent ghal darbtejn wehel mit-testijiet u ma ngabet ebda prova li kien hemm xi irregolarita` fl-ezami in kwistjoni. Ukoll ma kenitx id-decizjoni tal-Water Services Corporation li r-rikorrent ma jiehux l-impieg anzi li jigi terminat l-imsemmi impieg tieghu u ghalhekk jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Water Services Corporation.

Riferibbilment ghall-Employment and Training Corporation jinghad li t-Tribunal ma jsib li din wettqet ebda ingustizzja billi mxiet mal-ligi, ghamlet l-ezamijiet necessarji, meta ma giet pruvata ebda irregolarita` f' dawn l-ezamijiet. Ma giet pruvata mir-rikorrent ebda ingustizzja fl-allokazzjoni tal-marki moghtija lilu u ghalhekk jilqa' l-eccezzjonijiet tal-ETC.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

---------------------------------TMIEM---------------------------------